IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 27.7.2026
COM(2026) 396 final

ANNEX

ANNESS

ta'

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat għall-Kummerċ u l-Iżvilupp stabbilit bil-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Istati tal-EPA fl-SADC, min-naħa l-oħra fir-rigward tas-sostituzzjoni tal-lista ta' individwi li huma lesti u kapaċi li jservu bħala arbitri

ANNESS

ABBOZZ TA’ DEĊIŻJONI Nru .../2026

TAL-KUMITAT GĦALL-KUMMERĊ U L-IŻVILUPP

STABBILIT PERMEZZ TAL -

FTEHIM TA' SĦUBIJA BEJN

L-UNJONI EWROPEA U L-ISTATI MEMBRI TAGĦHA, MIN-NAĦA WAĦDA,

U L-ISTATI EPA SADC, MIN-NAĦA L-OĦRA

tal- … 2026

dwar is-sostituzzjoni tal-lista ta’ individwi li huma lesti u kapaċi jservu ta’ arbitri

IL-KUMITAT GĦALL-KUMMERĊ U L-IŻVILUPP,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Istati EPA SADC, min-naħa l-oħra (“il-Ftehim”), u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,

Billi:

(1) Il-Ftehim ilu jiġi applikat b’mod proviżorju mill-10 ta’ Ottubru 2016 għall-Partijiet kollha għall-Ftehim, ħlief għall-Mozambique. Il-Ftehim ġie applikat b’mod proviżorju bejn il-Mozambique u l-Unjoni Ewropea mill-4 ta’ Frar 2018.

(2) L-Artikolu 103 tal-Ftehim jistabbilixxi l-Kumitat għall-Kummerċ u l-Iżvilupp, li jiltaqa’ f’konfigurazzjoni speċifika biex jindirizza kwistjonijiet relatati mal-kummerċ u l-kummerċ koperti taħt il-Parti II tal-Ftehim.

(3) F’konformità mal-Artikolu 94(1) tal-Ftehim, fit-18 ta’ Frar 2019 il-Kumitat għall-Kummerċ u l-Iżvilupp adotta, permezz tad-Deċiżjoni Nru. 1/2019 il-lista ta’ 21 individwu li huma lesti u kapaċi jservu bħala arbitri. Reviżjoni ta’ dik il-lista saret meħtieġa sabiex jinżamm in-numru minimu ta’ arbitri disponibbli.

(4) Il-lista ta’ individwi li huma lesti u kapaċi jservu bħala arbitri hija magħmula minn tliet sottolisti: sublista waħda għal kull Parti inklużi tmien individwi biex iservu bħala arbitri u sublista waħda ta’ ħames individwi li ma huma ċittadini tal-ebda Parti u li

jistgħu jservu bħala president tal-bord ta' arbitraġġ, li jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 94(1) tal-Ftehim.

(6) Mhux meħtieġ li d-Deċiżjoni tiġi adottata fil-lingwi awtentiċi kollha tal-Ftehim peress li d-Deċiżjoni ma temendax id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim u hija rilevanti biss għall-operazzjoni interna tas-sistema għas-soluzzjoniji tat-tilwim bejn il-Partijiet.

(7) Sabiex jiġi żgurat il-funzjonament xieraq tal-Ftehim, b'mod partikolari l-Parti III tiegħu, il-Kumitat għall-Kummerċ u l-Iżvilupp għandu jissostitwixxi l-lista ta' individwi li huma lesti u kapaċi jservu bħala arbitri b'lista ġdida,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Il-lista ta' individwi li huma lesti u kapaċi jservu ta' arbitri, stabbiliti fl-Anness tad-Deċiżjoni Nru. 1/2019 tat-18 ta' Frar 2019 tal-Kumitat għall-Kummerċ u l-Iżvilupp hija b'dan sostitwita bil-lista stabbilita fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.
2. L-Anness huwa parti integrali minn din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

1. Din id-Deċiżjoni ġiet adottata bil-lingwa Ingliża u mfassla f'żewġ kopji. Kull Parti tista' tittraduċi t-test ta' din id-Deċiżjoni fil-lingwi meħtieġa għall-proċeduri interni tagħha u għall-informazzjoni tal-pubbliku.
2. Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell...

Għall-Kumitat tal-Kummerċ u tal-Iżvilupp

Għall-Istati EPA SADC *Għall-Parti tal-UE*

ANNESS

LISTA TA’ ARBITRI MSEMMIJIN FL-ARTIKOLU 94
TAL-FTEHIM TA’ SĦUBIJA EKONOMIKA
BEJN
L-UNJONI EWROPEA
U L-ISTATI MEMBRI TAGĦHOM, MINN NAĦA WAĦDA,
U L-ISTATI EPA SADC, MIN-NAĦA L-OĦRA

L-Arbitri proposti mill-Istati EPA SADC:

1. Sakeus AKWEENDA
2. Nkululeko J. HLOPHE
3. Faizel ISMAIL
4. Kholofelo Ngokoane KUGLER
5. Tsotetsi MAKONG
6. Carlos Joaquim Nogueira MARTINS
7. Leonard Moses PHUTI
8. Sidney PILANE

Arbitri proposti mill-UE:

9. Danae AZARIA
10. Laurence BOISSON DE CHAZOURNES
11. Irina BUGA
12. Mary FOOTER
13. Michael Johannes HAHN
14. Federico ORTINO
15. Joost PAUWELYN
16. Hélène RUIZ FABRI

Arbitri magħżula b'mod konġunt mill-Partijiet (ċittadini barranin li jistgħu jservu bħala President):

17. Ichiro ARAKI
18. Christian HÄBERLI
19. Merit JANOW
20. Makane Moïse MBENGUE
21. Claus VON WOBESER